**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 12 ta` Novembru 2019**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1477/2019JZM fl-ismijiet :**

**Marco Bonnici (I.D. 358275M) President, Norman Grech (I.D. 100359M) Vici-President Anzjan, Elaine Germani (I.D. 226380M) Vici-President, u Carmen Dimech (I.D. 199159M) Segretarja Generali tal-Malta Union of Teachers (MUT), ilkoll ufficjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess trade union (Registrata bin-Numru : RTU001)**

***kontra***

**Il-Union Professional Educators (UPE) [Registrata bin-Numru : RTU309] fi hdan il-Union Haddiema Maghqudin – Voice of the Workers [Trade Union Registrata bin-Numru : RTU130] *u* b`digriet tal-5 ta` Novembru 2019 l-isem "Il-Union Professional Educators (UPE)" gie jaqra "Il-Union of Professional Educators (UPE)" *u* lil Graham Sansone 167583(M), Kap Ezekuttiv tal-imsemmija Union of Professional Educators (UPE)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Fit-<u>30 ta` Ottubru 2019</u>, ir-rikorrenti pprezentaw rikors kontra l-intimati ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("**<u>il-Mandat</u>**").

Fit-<u>30 ta` Ottubru 2019</u>, it-talba tar-rikorrenti kienet milqugha provvizorjament, l-intimati nghataw sat-Tnejn 4 ta` Novembru 2019 sabiex jipprezentaw risposta, u r-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 5 ta` Novembru 2019 fid-9.30 a.m.

L-intimati kienu notifikati fit-<u>30 ta` Ottubru 2019</u> u pprezentaw risposta fl-<u>4 ta` Novembru 2019</u>. Mar-risposta kien prezentat dokument. Fir-risposta kienet kontestata fuq bazi ta` fatt u ta` dritt it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tal-<u>5 ta` Novembru 2019</u>. Waqt l-udjenza, xehdu r-rikorrent Marco Bonnici u l-intimata Graham Sansone. Kienu prezentati wkoll zewg dokumenti min-naha tar-rikorrenti (Dok MUT1 u MUT2). Wara li saru sottomissjonijiet mid-difensuri, ir-rikors thalla ghal provvediment "*in camera*".

Rat il-legislazzjoni li ghaliha saret referenza fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors senjatament l-Avviz Legali 413 tal-2016.

Rat ukoll l-atti l-ohra.

## II. <u>It-talba</u>

Intalab il-hrug tal-Mandat sabiex l-intimati jinzammu :-

***milli jkomplu johorgu u/jew jordnaw u/jew jippromwovu u/jew isejhu u/jew bi kwalunkwe mod iehor jorganizzaw u/jew jippartecipaw b`direttivi kollettivi lill-Edukaturi biex jillimitaw ix-xoghol taghhom fl-iskejjel minghajr il-Union intimata (UPE) fi hdan***

***il-Union Haddiema Maghqudin – Voice of the Workers m`ghandha ir-rikonoxximent ewlieni mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, kif ukoll mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, mill-Kummissjoni ghall-Edukazzjoni tal-Konferenza Episkopali Maltija fi hdan il-Knisja Kattolika u s-Segretarjat ghall-Kummissjoni Kattolika, u mill-entitajiet rispettivi responsabbli mill-iskejjel indipendenti.***

## III. <u>Xiehda</u>

<u>**Ir-rikorrent Marco Bonnici**</u> xehed illi l-MUT innotat illi l-UPE kienet qeghda taqbad komunikazzjonijiet li l-MUT tohrog lill-membri taghha bhala direttivi, taghmel minnhom *copy and paste* u tohroghom hi lill-membri taghha. Iccita zewg kazi fejn dan gara : id-'Directive to Guidance Teachers', tad-19 ta' Settembru 2019 li mbaghad il-UPE ikkopjata kwazi kelma b`kelma sabiex fit-23 ta' Settembru 2019 hareg id-'Directive to Guidance Teachers Members of UPE'. Il-kaz l-iehor kien meta l-MUT fit-22 ta' Marzu 2019 harget 'Directive to all LSEs in State and Church Schools – daily schedules' imbaghad l-UPE l-ghada fit-23 ta' Marzu 2019 harget 'Directive on daily schedules'.

Kompla jixhed illi fil-15 ta` Ottubru 2019 l-MUT harget 'Directive to LSE2s appointed in 2016, 2017 and 2018' ghaliex l-MUT kienet qeghda tinnegozja mal-Gvern dwar kwistjoni li kienet tinvolvi grupp ta` LSEs. Il-kwistjoni kienet li kien sehh bdil fil-Public Service Management Code fejn LSEs li kienu appuntati fl-2017 dahlu fi skala ta' salarju ahjar minn dawk ta` qabilhom. Il-membri taghhom marru ghand l-MUT biex titkellem ghalihom f`tahdidiet mal-Gvern. Billi kien jidher li mal-Gvern ma kienux sejrin jaslu, l-MUT harget id-direttiva tal-15 ta' Ottubru 2019.

Stqarr illi d-direttiva harget minhabba dak li nqala` fid-diskussjonijiet mal-Gvern. Bhala prassi, l-ewwel jibdew bid-diskussjonijiet. Meta jaraw jew li d-djalogu jehtieg li jimxi aktar jew li l-membri taghhom jehtiegu protezzjoni, huma jmorru ghad-direttiva. It-timing ta' meta tohrog direttiva, kemm iddum fis-sehh, tigix irtirata jew sospiza hija prerogattiva tal-MUT. In-negozjati mal-Gvern isiru mill-MUT mhux minn haddiehor ghaliex huma jirrapprezentaw il-maggoranza tal-edukaturi. Id-direttiva li tat il-UPE tfixkel l-istrategija u t-tempistika tad-direttiva taghhom ghaliex tnaqqas is-sahha tan-negozjat tal-MUT. Ghalhekk tippregudika d-diskussjonijiet mal-Gvern. Id-direttiva li l-UPE tat lill-membri taghha harget fis-17 ta` Ottubru 2019. Kienet direttiva *across the board* mhux biex thares

lill-membri taghha affettwati.  Infatti tghid : “*For the above reasons, the Union is issuing the following directives: LSEs, KGEs & Teachers, Members of UPE are to not to attend or carry out any work on IEPs*.”

Fil-**kontroezami**, xehed li l-UPE qatt ma talbet li tkun fuq xi mejda tan-negozjati fejn l-MUT tkun qeghda tiddiskutu mal-awtoritajiet dwar materja kollettiva.  Qatt ma gara li l-management jew il-Gvern qalulhom li l-UPE kienet talbet li tiddiskuti materja kollettiva.

**L-intimat Graham Sansone** xehed illi bid-direttiva li harget fis-17 ta` Ottubru 2019, il-UPE mhijiex qeghda tippretendi rikonoxximent fis-settur edukattiv sabiex tittratta b`mod kollettiv.  Qal illi UPE rceviet ilmenti minn LSEs membri taghha li kienu gradwati fl-2016, 2017 u 2018.  Jekk l-MUT ma kellhiex ilmenti minn membri taghha gradwati fl-2016, ma kellux jeskludi a priori li ma kellux ikun hemm membri tal-UPE b`ilmenti.  L-interess tal-UPE ma kenitx l-edukaturi bhala kollettivita` izda l-membri taghha bhala individwi.  Qabel sar ir-rikors odjern, qatt ma kien kontestat minn unions ohra li agir da parti ta` UPE seta` ppregudikahom jew dghajjef l-istrategija taghhom.

Fil-**kontroezami,** xehed illi hemm differenza bejn persuni gradwati u persuni appuntati.  L-ilment sar minn persuni li kienu appuntati fl-2016.

## IV. Dritt

Id-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum hija l-**Art 873 tal-Kap 12**.  L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi.  Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tnejn. Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m’ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Minn analizi tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, wiehed isib illi l-Qorti ("***m`ghandhiex***") u allura hija prekluza *ope legis* milli tordna l-hrug tal-Mandat, sakemm ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti ;

iii) Illi jidher sal-livell ta` *prima facie* li r-rikorrenti ghandhom dawk il-jeddijiet ;

iv) Illi bil-fatt illi ma jkunx ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li jgarrbu r-rikorrenti jkun irrimedjabbli.

## V. Gurisprudenza

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghna dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

... *huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

2) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **mhux** alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti **hija obbligata** tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.

3) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**Xuereb noe vs Hili noe**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

**4) Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq**

**quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.**

## **VI. <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**Mit-tliet rekwiziti, il-Qorti sejra tistharreg *in primis* jekk jirrizultax il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti li jitolbu l-hrug tal-Mandat.**

**Sejra tissofferma fuq dan ir-rekwizit ghaliex jekk issib li ma jirrizultax, ikun ghal kollox ezercizzju nutili li tqis ir-rekwiziti l-ohra ladarba r-rekwiziti huma kumulattivi mhux alternattivi. Li allura jkompli jfisser illi jekk imqar wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata li ma tordnax il-hrug tal-Mandat.**

**Wara li semghet ix-xiehda, wara li rat id-dokumenti, wara li semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri, kif ukoll wara li rat l-Art 5 tal-Avviz Legali 413 tal-2016, ma ssibx li r-rikorrenti ghandhom jedd *prima facie* <u>oggettiv</u> (mhux soggettiv) li jitolbu l-hrug tal-Mandat.**

**Mhuwiex kontestat mill-intimati li l-Malta Union of Teachers tirrapprezenta l-maggoranza tal-haddiema fil-qasam edukattiv.**

**Lanqas ma huwa kontestat mill-intimati illi dak il-fatt jaghti lill-Malta Union of Teachers il-jedd li meta tigi biex tinnegozja mal-principal dwar il-kondizzjonijiet tax-xoghol ikollha jedd titkellem u tittratta hi wahedha anke ghal dawk il-haddiema li mhux membri**

**taghha. Hekk ghandu jkun bhala fatt, u hekk trid li jkun il-ligi, skont l-Art 5 tal-Avviz Legali 413 tal-2016.**

**Dan premess, propju ghaliex il-liberta` ta` l-assocjazzjoni huwa dritt li huwa bl-Art 42 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u bl-Art 11 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, id-dritt tal-Malta Union of Teachers li tittratta b`mod kollettiv kif fuq inghad ma jistax jigi estiz bil-mod kif soggettivament qeghda tippretendi fil-procediment odjern.**

**Qieghed jinghad hekk ghaliex il-Malta Union of Teachers ma tistax tippretendi li ghandha jedd li zzomm jew tfixkel lill-Union of Professional Educators milli taqbez u tidhol ghall-membri taghha fi kwistjonijiet li ma jiskonfinawx fuq il-jedd tal-Malta Union of Teachers li tkun hi li taghmel *collective bargaining* ghax ghandha tirrapprezenta l-maggoranza tal-edukaturi.**

**Mill-provi li saru fil-procediment odjern, ma jirrizultax ippruvat lanqas sal-livell ta` *prima facie* li l-Union of Professional Educators usurpat lill-Malta Union of Teachers minn xi jedd li ghandha.**

**Kif hareg kjarament mid-deposizzjoni ta` Marco Bonnici l-ilment tal-Malta Union of Teachers fil-verita` huwa cirkoskritt ghal kwistjoni ta` strategija negozjali vis-a-vis il-principal ghaliex tikkontendi li bil-fatt li l-Union of Professional Educators agixxiet kif agixxiet idghajjfet l-istrategija taghha.**

**Ghal din il-Qorti, din baqghet fehma ghal kollox soggettiva, li baqghet mhux ippruvata b`mod oggettiv, imqar bid-deposizzjoni ta` rapprezentanti tal-principal.**

**Fi kwalunkwe kaz, anke jekk ghall-grazzja tal-argument gara hekk, fatt li huwa fattwalment kontestat mix-xiehda ta` Graham Sansone, ma jaghti ebda jedd lill-Malta Union of Teachers li tincidi, tindahal jew addirittura tfixkel il-hidma tal-Union of Professional Educators favur dawk mill-membri taghha li jkunu fittxew il-kenn taghha ghad-difiza u l-harsien tad-drittijiet individwali taghhom.**

**Jekk il-kwistjoni hija ta` strategija jew tempistika, allura sta ghall-Malta Union of Teachers li ticcaqlaq jew li tagixxi *in anticipo* billi taggjusta l-istrategija taghha skont ic-cirkostanzi. Xi drabi strategija jkollha tinbidel minn jum ghall-iehor, jekk mhux minn siegha ghal ohra.**

**B`daqshekk ma jfissirx li tinholoq konfuzjoni kif kien allegat mill-Malta Union of Teachers.**

**Ghalhekk il-Qorti tikkonferma li ma tirrizultax il-prova tar-rekwizit ta` jedd *prima facie* oggettiv.**

**Ladarba rrizulta karenti dan ir-rekwizit, il-Qorti mhijiex sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni tar-rekwiziti l-ohra.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti billi filwaqt li qeghda thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tat-30 ta` Ottubru 2019 safejn kienet laqghet it-talba provvizorjament, qeghda tichad b`mod definittiv it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat. Tordna l-ispejjez tal-procediment odjern ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**